# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Settembru 2017**

**Rikors Numru: 327/2015 CSH**

**Acroline Limited (C34266)**

**vs**

**Josette Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' Acroline Limited fis-27 ta' Ottubru, 2015 fejn l-istess socjeta' talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma dovuta ta' hamest elef, tmien mija w tmienja w disghin Ewro u tmienja w sittin Ewro centezmi (€5,898.68) oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mis-16 ta' Dicembru 2014, sal-pagament effettiv, liema somma hija dovut lis-socjeta' rikorrenti in kwantu ghal merkanzija mixtrija u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 1669/2015 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-istess imsemmija ittra ufficjali ezekuttiva kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fl-20 ta' Jannar 2016 fejn eccepiet:

1. *Illi l-intimata ma hix legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan peress li hija qatt ma xtrat merkanzija minghand is-socjeta' attrici;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni preliminari, t-talba tas-socjeta' attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda somma ma hi dovuta mill-intimata lis-socjeta' attrici u dan minhabba r-ragunijiet segwenti;*

3. *Illi n-negozju li ghamlet l-intimata kien ma' certu Johan Portelli. Huma kienu lahqu ftehim li Johan Portelli jithalla juza l-fond kummercjali sitwat fil-Hamrun ghal perjodu qasir tal-Milied tas-sena 2014 sabiex minnu huwa jbiegh xi merkanzija tal-Milied. Il-qliegh minn dan il-bejgh imbaghad kellu jinqasam bin-nofs bejn l-intimata u Johan Portelli;*

4. *Illi Johan Portelli kien gab din il-merkanzija f'dan il-fond u kien bidel il-ftehim mal-intimata stante li kien talab lill-intimata ggib 'salesgirl' sabiex toqghod f'dan il-fond biex tbiegh il-merkanzija tieghu u kif ukoll li l-intimata kellha thallas il-kont tad-dawl u t-taxxa tal-valur mizjud mill-parti taghha;*

5. *Illi f'dan il-perjodu qasir sar bejgh ta' mhux iktar minn hamest elef Ewro (€5,000) li minnhom l-intimata tat is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) lil Johan Portelli. Mill-parti tal-qliegh taghha hija hallset lis-salesgirl kif ukoll il-kont tad-dawl u t-taxxa fuq il-valur mizjud. Wara li kienet hallset dawn l-ispejjez hija kienet baqghet bit-telf;*

6. *Illi wara li ghadda l-Milied, Johan Portelli kien mar fil-fond u ha dak kollu li kien ghad fadal fil-hanut;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat li fis-seduta tat-13 ta' April 2016, giet irtirata l-ewwel eccezzjoni, u ghalhekk ordnat li jitressqu l-provi tas-socjeta' attrici.

Rat li permezz ta' nota pprezentata nhar is-17 ta' Mejju 2016, gie pprezentat l-affidavit ta' **Johann Portelli**, fejn stqarr li huwa d-direttur tas-socjeta attrici, u jghid li Josette Micallef ilha klijenta ta' Arcoline Limited mis-7 ta' Novembru 2013, u li matul ir-relazzjoni kummercjali taghhom, hija halset diversi invoices ghal xoghol li kien ikkunsinjat ghall-hanut taghha *Bling Box.* Ix-xhud ikkonferma li ghar-rigward l-invoices li ilhom pendenti minn Novembru / Dicembru 2014, il-ftehim verbali kien li l-merkanzija li tikkonsisti f'oggetti tal-Milied ghandha tkun fornita fuq bazi ta' *sale or return*, b'dan illi dak li jinbiegh kellu jithallas immedjatament jew fi zmien ftit jiem minn meta jaghlaq iz-zmien tal-Milied; ix-xhud qal li s-socjeta' attrici forniet xkaffar, *cash register* li hu wzat bin-numru tal-VAT personali tal-konvenuta kif ukoll display items, li jinkludu *signs* u *banners* u dan bil-ghan li l-hanut jidher aktar sabih u professjonali. Ix-xhud kompla billi qal li fil-bidu ta' Jannar 2014, hu flimkien ma' missieru kienu marru bil-vann biex jigbru l-merkanzija li ma kenitx inbieghet, u jghid li kellhom jippakkjaw l-affarijiet wahidhom ghaliex l-konvenuta u l-partner taghha ma kienux marru fuq il-post. Ix-xhud jghid li kien informa lil Josette Micallef li kien se jigbor il-merkanzija u li hi taghtu l-permess taghha.

Ix-xhud ddikjara li meta gew ritornati l-affarijiet inharget *credit note*. L-*invoices* li harget is-socjeta' Arcoline Limited u li kienu ffirmati minn Josette Micallef innifisha (kopja taghhom gew ipprezentati) jammontaw ghal €16,055.30 wara li tnaqqsu r-*returns/credit notes* fl-ammont ta’ €8,211.35, kien ghad fadal l-ammont li kellha thallas u c-cioe' dak bilancjali ta' €7,843.95. Jghid ukoll li kienu rcevew is-somma ta' €2,312.67 f'diversi pagamenti minghand Josette Micallef, u ghalhekk fadal bilanc ta' €5,898.68.

Ix-xhud Johann Portelli qal li l-konvenuta kienet riedet terga' tara l-*invoices/statements*, u hu kien ghaddielha kollox, izda wara xi xahar kien beda jerga' jezercita pressjoni, aktar u aktar ghax sar jaf li ghalqet il-hanut. Ix-xhud spjega li l-konvenuta kienet qieghed tevita l-sms u t-telefonati tieghu, u messaggi fuq *facebook.* Kien anke mar id-dar taghha ghal diversi drabi u wara hafna pressjoni, qaltlu li ma kienx baqghalha flus, izda kienet se tiret xi flus minn membri tal-familja taghha u ghalhekk kienet se tkun f'qaghda li thalsu lura. Ix-xhud jghid li l-konvenuta qatt ma cahdet li ghandha taghtih il-flus, anzi kienet tghidlu li l-flus dalwaqt jaslu u li hi se tkun f'qaghda li thallsu, ix-xhud jghid li ta' dan ghandu evidenza fuq il-*facebook.*

Ix-xhud Johann Portelli rrefera ghal messagg li rcieva fuq il-mobile tieghu minghand Josette Micallef nhar il-Hamis 3 ta' Settembru 2015 fejn kienet kitbet *'il-flus ikunu ghandi xahar id-diehel, lejn l-ahhar tieghu fi 30 ta' Ottubru tircievi cheque.'*

Ix-xhud qal li f'wahda mill-konverzazzjonijiet tieghu mal-konvenuta, kien qal li jekk hi ma ghandhiex flus, hi ghandha tikri wahda mill-proprjetajiet li ghandha vojta u ssib impjieg bhalma jaghmlu n-nies u b'hekk tkun tista' thallas lura d-djun taghha.

Ix-xhud ikkonferma li s-somma ta' €5,898.68 tirraprezenta merkanzija mixtrija u mhux imhallsa minn Josette Micallef.

Illi fis-17 ta Mejju 2016, ix-xhud esebixxa bhala dokument li gie markat mil-Qorti bhala Z SMSes li gew skambjati bejnu u bejn l-konvenuta Josette Micallef. Spjega li dawk il-messaggi bl-ahdar huma l-SMSes li kien baghat hu filwaqt li l-messaggi bil-griz huma dawk li wiegbet ghalihom Josette Micallef.

Rat ukoll in-numru kbir ta' invoices esebiti fl-atti mmarkati komplessivament bhala Dok JPX (fol. 17 et seq) datati minn 8 ta' Novembru 2014 sat-18 ta' Dicembru 2014 ilkoll indirizzat lil hanut Bling Box, 202 High Street, Hamrun.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Portelli**, ipprezentat permezz ta' nota nhar it-28 ta' Gunju 2016, fejn stqarr li ghandu fil-pussess tieghu kopji ta' *invoices* mahruga mill-kumpanija li kollha gew iffirmati mis-Sinjura Josette Micallef, u dan in rigward xoghol li gie mqassam minnu jew minn ibnu gewwa l-hanut tal-konvenuta. Ikkonferma li ghandu wkoll *credit notes* ta' xoghol li gie rritornat gol-mahzen taghhom u dan jikkoncerna xoghol li l-konvenuta ma kienitx bieghet. Portelli jghid li darba f'Gunju tas-sena 2015, il-konvenuta kienet marret personalment fil-mahzen taghhom biex tigbor nuccali li kienet halliet warajha minn xi zmien qabel u waqt li kienet qieghda hemm bdiet tghidlu biex ma jinkwetax ghall-hlas peress li kienet qieghda tistenna xi wirt tal-familja u li kif tiehu l-flus kienet se taqbad thallashom. Ix-xhud jghid ukoll li Micallef semmiet li kien se jsellifha xi flus iz-ziju taghha u ommha biex tkun tista' thallas; madanakollu, qatt ma sar pagament ta' dak dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici.

**Johann Portelli** xehed fis-26 ta' Ottubru 2016, fejn in kontro-ezami bil-gurament jghid illi jikkonferma li qabel ma sar in-negozju mertu ta'din il-kawza kien sar xi negozju iehor ma'Josette Micallef. Jghid li filfatt kienet xtrat minn ghandhom f'xi tlett okkazjonijiet ohra u effettivament dwar dawn it-tliet okkazjonijiet precedenti kien thallas minghand Josette Micallef. Jghid li effettivament il-merkanzija mertu ta'din il-kawza ma kienx ghall-istess hanut fejn hu kien thallas fis-seduti precedenti. Il-hanut precedenti kien jappartjeni lill-missieru u dak iz-zmien dak il-hanut kien vojt ukoll. Filfatt kien hu stess li ssugerixxa lil Josette sabiex tiftah dan il-hanut sabiex tbiegh dawn l-affarjiet tal-merkanzija. Jghid li jaqbel ukoll li fis-snin precedenti hu wkoll kellu hanut Blata l-Bajda fejn kien jarma bl-affarjiet ghall-bejgh tal-Milied. Jista'jkun illi l-hanut ta'missier Josette huwa iktar centrali minn dak il-hanut tal-Blata l-Bajda. Jghid li huwa minnu li kien lest li jaghti x-

xoghol lil Josette Micallef biex tbiegh il-merkanzija mill-hanut ta'missieru u sahansitra kien anke ghaddielha l-*cash register* tieghu, sar it-transfer tal-VAT number fuq isimha biex jintuza dan il-hanut. Jghid ukoll illi Josette Micallef ghaddietlu c-cavetta ta' dan il-hanut ta' missierha. Jghid illi vera kien hu li ssuggerixxa li dan il-hanut jintrama'. Filfatt ghamlu *banner* Christmas Planet, dan sabiex jattiraw aktar nies. Jghid li huwa minnu li dakinhar li hu mela il-hanut ma talabx lil Josette Micallef sabiex tiffirmalu l-karti. Hu m'ghaddilhiex il-karti dakinhar, tahomlha l-ghada jew jumejn wara u gew iffirmati minnha. Meta huma hadu x-xoghol dakinhar jghid li effettivament Josette Micallef ma kienitx prezenti u filfatt qed jaghmel referenza ghall-invoices li huma gia ezebiti fl-atti mmarkati bhala Dokument JPX a fol 17 et sequitur. Dawn l-invoices gew iffirmati xi jiem wara u dan sabiex ikun hemm konferma li x-xoghol gie ricevut minghand Josette. Il-ftehim kien li huma jaqsmu nofs bin-nofs dwar il-bejgh ta'merkanzija tieghu. Hija harget il-hanut u hu hareg ix-xoghol.

Il-ftehim kien li lilha kien ha jtiha *mark up* ta'*fifty per cent* u mhux li effetivament jaqsmu *fifty fifty*. Pero' ma kien hemm l-ebda ftehim li kellu jitnaqqas l-ispejjez tad-dawl u salesman u affarijiet bhal dawn. Jghid li hu *wholesaler* u *importer* ghal dawn l-ahhar hdax-il sena f'ísem is-socjeta' attrici. Hu lil Josette taha l-*wholesale price* u l-profit taghha kellu jkun bejn *wholesale* u *retail price* u naturalment l-ispejjez thallashom hi mill-profitt li tkun se taghmel minn fuq il-*wholesale price*. Naturalment hu provvdielha x-*shelfing* u l-affarijiet kollha biex hija tkun f'posizzjoni li tkun tista' tbiegh din il-merkanzija u ghaliha kienet *fair situation*.

Jghid li hu kien interessat biss li jigbor il-*wholesale price*. Ghalih kien negozju normali. Jghid li filfatt Josette kienet taghtu c-cavetta sabiex tiftah ix-shutter meta hemm bzonn pero' jghid li effettivament hu qatt ma mar u fetah ix-shutter u qatt ma fetah u ghalaq hu, kien jinzel il-*boyfriend* jew *partner* taghha. Filfatt Josette kwazi qatt ma kienet tidher hemmhekk. Jghid li Josette kienet tahdem mieghu precedentement u kienet taf is-sistema li jahdem biha u ghalhekk jahseb li

fehmitha ghax kien car dwarha. Il-ftehim kien li effettivament hu ma kienx ha jhalliha tehel bl-ebda stokk dak li effettivament ma tbieghx, hu kien lest li jiehdu lura. Naturalment thallsu l-*wholesale price* tal-affarijiet li kienet tbiegh u jahseb li kien car bizzejjed. Hu kien qed jafdha lil Josette, kellhom kollox dokumentat u ghalhekk kienet qed thallsu ghall-affarijiet li tbiegh. Jirrikonoxxi li effettivament taghtu pagament. Jekk kienux l-ewwel gimgha jew it-tieni gimgha ma jiftakarx. Mhuwiex minnu dak li gie ssuggerit lilu li Josette fl-ewwel gimgha kienet gibdet elf ewro (€1,000) u hu kien qalilha li l-ftehim ma kienx hekk u kellha ggiblu aktar flus. Jghid li hu dejjem emfasizza li jrid jigbor il-flus ta'dak li tkun tbiegh. Pero' mhux minnu li din il-kwistjoni qamet bejniethom gimgha wara li effettivament bdiet tbiegh il-prodotti tieghu.

Ix-xhud iddikjara li effettivament kien ghadda l-Christmas tas-sena 2014, hu mar ma' missieru bil-vann tas-socjeta' attrici biex jigbor il-merkanzija li ma kinitx inbieghet u jghid effetivament kien infurma lil Josette li kien se jmur jigbor il-merkanzija u xtaq li tkun prezenti pero' kienet ma tiflahx u lanqas baghtet il-partner taghha. Xtaq li jkun hemm xi hadd prezenti qabel ma jigbor l-affarijiet tieghu u hu gabar il-merkanzija u naturlament kellu jaghmel rendikont ta'dak li kien fadal bhala stokk. Ikkonferma li meta hu kien ha ix-xoghol orignarjament fil-hanut u meta effettivament kien gabru wara l-Milied Josette Micallef ma kinitx prezenti. Ghalhekk ix-xoghol ma ccekjahawx la meta wasal fuq il-post u lanqas meta ttiehed minn fuq il-post. Qatt ma kien hemm diskrepanzi bejn il-merkanzija li ha u dak li kien hemm deskritt fl-*invoices*. Il-*credit notes* huma tax-xoghol li effettivament kien gabar lura u cioe' ta' dak li ma nbieghux. Jista'jkun illi kien hemm xi xoghol ghand Josette u kellu bzonnu biex jaghtih lil xi klijent iehor u allura jkun gabru minn ghandha u tah *credit note* tieghu u ghalhekk qabel ma gabar dan ix-xoghol naturalment jkun avza lil Josette u gieli kienet prezenti meta kien jogbor xi xoghol u gieli kien hemm il-*boyfriend* taghha. Effettivament kien imur kwazi kuljum jigbor xi xoghol minn ghandha pero' l-*credit notes* ma kienx jigborhom kuljum. Una volta kien jiccekja ix-xoghol li kien jigi lura fl-

istore kien johrog il-*credit note* relattiva. Il-*credit note* ma kienitx tkun iffirmata ghax naturalment qed itiha *credit*.

Mistoqsi kemm effettivament ircieva hlas minghand Josette Micallef ghall-bejgh li ghamlet jghid li hallset is-somma ta'elfejn, tlett mija u tnax il-euro (€2,312) kif indikat fl-istess affidavit tieghu u taha ricevuti akkonti taghhom. Mistoqsi jekk hux minnu li effettivament Josette Micallef halsitu hamest elef u tmien mitt ewro (€5,800) jghid li dan mhux minnu xejn. Ricevuti naturalment li ghadda lil Josette Micallef huma ghandha pero' ghandu kopja taghhom.

Naturalment wara li kien sar dan in-negozju l-*cash register* tieghu hadu lura. Hu ma harigx Z readings ghall-bejgh li sar minghand Josette Micallef ghaliex effettivament kien sar *transfer* u Josette Micallef bdiet tuza l-VAT number li kienet tuza fuq il-hanut l-iehor. Mistoqsi jekk il-ftehim li kellu ma' Josette Micallef kienx bil-miktub jghid li le kien wiehed verbali.

Rat l-affidavit ta' **Josette Micallef**, ipprezentat permezz ta' nota datata 30 ta' Novembru 2016, fejn qalet li kienet tiggestixxi l-hanut Bling Box li qabel kien jismu Party Time. Meta l-hanut kien jismu Party Time kien gestit minn Simon Cassar u kienet tahdem mieghu bhala salesgirl. Tghid li kienet tahdem fih u kienet tmur taghzel xi xoghol minghand Johann Portelli flimkien ma' Simon Cassar, u hekk saret taf lil Johann Portelli. Wara xi zmien kienet kriet dan il-hanut u kienet semmietu Bling Box, u kienet iggib merkanzija minn l-Ingilterra pero' kienet xtrat xi affarijiet zghar minghand Portelli ghall-habta ta' Novembru 2013, u ta' dan ix-xoghol kienet hallsitu u ma kellhiex problemi fuq dan ix-xoghol.

Ix-xhud tghid li f'Novembru 2014, Portelli kien issugerixxa li taghtih il-hanut ta' missierha li kien naqas, sabiex jarma dan il-hanut bl-affarijiet tal-Milied tieghu, u hekk ma jikrix il-hanut tal-ghamara f'Blata l-Bajda kif kien jaghmel is-soltu izda minflok jarma l-hanut ta' missierha li kien sitwat f'post aktar centrali fil-Hamrun.

Tghid li Portelli kien issuggerixxa li kien lest li jarma l-hanut bil-merkanzija u *cash register*, u l-qliegh jinqasam nofs bin-nofs wara li jigu mnaqqsa l-ispejjez tad-dawl, tal-hlas li kien isir lis-salesman u l-VAT, il-kumplament kellu jinqasam nofs bin-nofs.

Ix-xhud tghid li ma kienux iffirmaw karti fuq dan il-ftehim, ghaliex kienet fdatu u taghtu c-cavetta tal-hanut sabiex jiehu x-xoghol. Portelli kien semma' il-hanut 'Christmas Planet', u meta ha x-xoghol ma kienx ha karti tax-xoghol sabiex ix-xhud taghmel il-verifiki taghha u dan ghaliex ma kienx hemm ghalfejn peress li kellhom dak l-arrangament bejniethom.

Ix-xhud tispjega li hi u Portelli kienu ftehmu li jqabbdu persuna sabiex tbiegh il-merkanzija u tiehu hsieb il-*cash register* u fil-fatt kienu qabdu lil Daniel Casha li dak iz-zmien kien skola sabiex jghinuh jaqla' xi haga tal-flus. Dan kien jahdem hemm ghal madwar ghoxrin gurnata ghax il-hanut kien gie armat ghaz-zmien tal-Milied biss, u kien se jithallas €4 is-siegha.

Ix-xhud qalet li wara gimgha li bdew ibieghu x-xoghol li ha Johann Portelli, kienet ghalqet il-cash u kienu qasmu l-qliegh; qalet li bhala qliegh kien hemm elfejn Ewro (€2,000) u kienet ghaddiet elf Ewro (€1,000) lil Johann Portelli. Ix-xhud qalet li dak il-hin kien qalilha li l-elf Ewro (€1,000) kienu se jitnaqqsu mix-xoghol tieghu, u hi rrispondiet li huma kienu ftehmu nofs bin-nofs, izda Portelli qal li ried jithallas tax-xoghol tieghu u hi zzomm il-bqija. Hija kienet qaltlu li ma kienx se jaqblilha peress li kellha hanut iehor u ma kellhiex ghalfejn tarma hanut iehor u tidhol f'aktar spejjez, tad-dawl, salesman, taxxi u fl-ahhar prattikament ma kienx ser jibqalha xejn bhala qliegh. Micallef tghid li Portelli kien qaghad igiddibha u hi ma kellhiex triq ohra ghajr li ccedi. Kienet irrabjat u qaltlu li din ta' darba biss u ma kienitx se taghmel aktar negozju mieghu. Wara dakinhar, hi bdiet taghtih il-flus kollha li kien ikun hemm fil-cash wara li kienet thallas is-salesman, u kkalkulat li ghaddietlu €5,800 sal-20 ta' Dicembru 2014, u wara din id-data ma kienx sar aktar bejgh.

Ix-xhud tghid li f'Jannar kien cempillha Portelli biex jigbor ix-xoghol li kien baqa' u kienet qaltlu li dakinhar ma setghetx tmur ghaliex kienet ma tiflahx, izda kien mar Portelli u kien ha dak li kien hemm fil-hanut. Wara xi hmistax-il gurnata, ix-xhud qal li Portelli kien qalilha li kellha taghtih xi sebat elef Ewro (€7,000) u hi kienet irrispondietu li ma setghax ikun dan peress li kienet taghtu l-flus kollha li kienet dahlet. Ix-xhud indikat li kien hemm drabi li biex tiffranka l-ispejjez tas-salesman kienet tmur hi tbiegh minn dak il-hanut u kienet tibghat is-salesgirl fil-hanut taghha. Kienet tmur ukoll taghlaq il-*cash register* f'nofsinhar u filghaxija.

Ix-xhud tghid li kienet qalet lil Portelli li mhux se thalsu s-somma li talabha ghaliex kienet taghtu l-flus kollha li kienet dahlet u ghalhekk ma seghax ikun li kellha taghtih aktar. Kienet spjegatlu li kienet anzi ghamlet telf peress li hallset ukoll id-dawl, anqas kienet bieghet dak l-ammont, u dan seta' wiehed jarah miz-Z reading tal-cash register li kienet proprjeta' ta' Portelli.

Wara dan, ix-xhud tghid li Portelli baqa' jinsisti, b'sensiela ta' messaggi biex jipprova jiehu dawn il-flus minghandha tant li kien stedinha tmur mieghu fuq id-dghajsa u anke ssiefer mieghu Milan, izda hi ma kienitx accettat u mbaghad beda jheddidha li jmur wara l-bieb tad-dar taghha u jaghmillha xenata kif beda jaghmel. Ix-xhud tghid li kien kwazi genninha, kien imur darbtejn tlieta fil-gimgha u jibghatilha hafna messaggi u telefonati. Ix-xhud tghid li kienet taqtalu fil-qasir u kienet iggiblu hafna skuzi ghax bdiet tibza' minnu. Ix-xhud ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li meta ma felhitux aktar kienet kelmet l-avukat taghha u kienu kkalkulaw dak li kienet bieghet u dak li kien ha lura u kien rrizulta li bil-flus kienet gia taghtu, ma kellhiex taghtih aktar flus, anzi kienet ghamlet it-telf, ghaliex skont il-ftehim taghhom kien li jaqsmu nofs bin-nofs, ghax il-hanut kienet offrietu minghajr kera u Portelli kellu jiehu nofs il-bejgh peress li kien qieghed

jiehu x-xoghol, l-ispejjez tas-salesman, VAT u dawl kellhom jinqasmu bejniethom.

**Josette Micallef** xehdet fit-8 ta' Frar 2017, fejn bil-gurament qalet illi mir-ricerka li hi ghamlet irrizulta li ghad hemm *credit notes* favur taghha fl-ammont ta' €7,667.14 u esebiet kopja ta' dawn l-istess *credit notes* li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH u dawn jirraprezentaw xoghlijiet lura li effettivament hadhet is-socjeta' attrici mil-fond taghha u hi ma thallsitx taghhom. Dawn gew mghoddija lilha minn Johann Portelli. Mistoqsija min kien jiehu hsieb il-*cash* fil-hanut tghid li kienet tiehu hsiebha s-salesgirls tal-hanut pero' kienet tkun hi li taghlaqhom u ghalhekk kienet tkun hi li tigbor iz-Z reading tal-gurnata. Esebiet kopja ta' dawn iz-Z readings li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH1. CSH1 hija l-original. CSH2 hija fotokopja. Ix-xhud tghid li effettivament hi ghandha nieqes minnhom erbat ijiem jew hamsa, m'ijix certa bl-ezatt u ghamlet talba lill-VAT biex tigbor kopja ta'dawn li ghandha neqsin. Il-hanut kien miftuh mill-1 sal-20 ta'Dicembru fejn kienu jbieghu d-*decorations* tad-djar tal-Milied u naturalment il-*peak* tal-hanut ikun bejn October u December. Pero' ma seghtetx tiftah il-hanut bejn Ottubru u Novembru u ghalhekk tghid li l-hanut inzamm miftuh ghal perjodu ta'ghoxrin jum. Naturalment dak li ma jasalx fi zmien il-Milied ma jinbieghx.

Ix-xhud tghid li hi prezentat affidavit li dan gie mahluf minnha wkoll. Il-ftehim pero' ma baqax l-istess bhal meta kien sar ma' Simon Cassar. Simon Cassar taf li kien jixtri l-prodott u jbieghu fil-hanut tieghu. Maghha ma kienx hekk. Huwa ried il-hanut taghha biex jiftah sabiex ibiegh il-prodott tieghu. Il-ftehim li hi kellha ma Johann Portelli kien wiehed verbali u li kellhom jaqsmu nofs bin-nofs. Tghid li Johann kien beda l-ftehim maghha nofs bin-nofs u wara kienet bi hsiebha li ma taghmiliex ghax hi kien diga kellha hanut iehor u dak iz-zmien tal-Milied tkun imhabbta hafna u ma kellhiex intenzjoni li taghmel dan in-negozju. Pero' taf li Johann Portelli kien gabha dahra mal-hajt u li effettivament kien diga' xtara l-merkanzija. Hanut ma kienx sab u talabha sabiex ittih il-hanut tad-daddy taghha. Pero cio' nonostante l-ftehim kien inbidel totalment minn Gunju ghal Ottubru u

dan min-naha ta'Johann u hi ma ridietx tiehu r-responsabilta fejn jidhlu dawl u ilma, salesgirls u hekk. Pero' cio' nonostante ghalqet ghajnejha u qaltlu *go ahead* u taghtu l-hanut u ezattament spiccat halset kollox hi. Ix-xhud tghid illi l-prezzijiet li kienet tuza kienu dawk indikati minn Johann. Pero' ma kellhiex hamsin fil-mija *mark-up* profit ghax minnhom trid tnaqqas it-taxxi tal-VAT u l-hlasijiet li kienet taghmel lis-salesgirls. Huwa veru pero' li l-prodott li ma nbieghx jigi ritornat u effettivament kienet thallas biss dak li kien inbiegh.

Ix-xhud tghid li minkejja li kienu ftiehmu li kienet se tuza zewg *salesgirls* spiccat uzat wiehed ghaliex dak il-Milied ma kienx wiehed tajjeb. Ohtha Charlotte ma kinetx tahdem f'dan il-hanut, kienet tahdem f'hanut iehor tax-xhud. Tghid illi ma setghetx tuza s-salesgirls li kellha fil-hanut l-iehor u cioe' Romina, Charlotte u ohra izda f'dan il-hanut kellha certu Daniel Casha. Tghid li qatt ma kienet infurmatu li kienet se tuza lil Charlotte u Romina. Anzi tghid li xtaq igib salesgirl hu. Mistoqsija min hu Joe Casha tghid li huwa habib taghha li kien ibiegh l-gallettini mil-hanut taghha u taf li darba minnhom mar maghha l-Qorti u akkumpanjha. Pero ma tafx li qatt ghajru '*pufta'* l-Qorti kif gie suggerit lilha. Taf li effettivament dakinhar kien hareg qabilha. Joe Casha pero' sa fejn taf hi qatt ma qallha li kien ha jiehu hsieb il-hanut hu ma' ibnu. Tghid li Johan sa fejn taf hi dejjem maghha iddilja fuq il-hanut. Huwa minnu illi l-*invoices* kienet tiffirmahom hi. Anzi tghid li effettivament l-invoices qatt ma gew iffirmati. L-invoices gew iffirmati fl-ahhar ta' Jannar. Tghid li filfatt l-*invoices* li ghandu l-avukat taghha lanqas hemm wahda ffirmata. Joe Casha filfatt ma kellux x'jaqsam ma' dan in-negozju. Pero meta Johan kien il-hanut u kien ikun hemm Joe Casha jista' tkun li tkellmu pero' hi ma kienetx tkun prezenti. Ix-xhud qalet li jekk Johan kien jasal bix-xoghol fil-hanut u kien ikun hemm Joe Casha jista'jkun li Joe Casha qallu biex jirranga maghha u jista'jkun li kien jghidlu mhux se jiffirma invoices ghax ma kellu l-ebda dritt jiffirma l-invoices hu. L-invoices gew iffirmati wara li nghalaq il-hanut.

Ix-xhud qalet li mhuwiex minnu dak li qed jigi suggerit lilha li effettivament Johan kien itiha l-merkanzija *wholesale* u hi kienet tbieghha *retail* u li kien hemm ftehim nofs bin-nofs. Lanqas dak li hu suggerit lilha ma sar li effettivament kien hemm xi transfer fuq il-VAT *number tal-cash register*. Il-VAT number fuq il-*cash register* kien jghajjat lil Johan. Il-*cash register* kien ta' Johan pero' l-VAT number kien taghha u ghalhekk il-VAT number kien jghajjat lilha minkejja li l-*cash register* kien tieghu. Gara li effettivament ma kellux x'jaqsam max-xoghol ta' kuljum kontra l-ftehim li kienu ghamlu. Tghid li huwa minnu wkoll illi Johann ipprovda kollox fil-hanut ghall-bejgh tal-oggetti fil-Milied u waqt li kienet prezenti hi taf li Johann qatt ma miss il-*cash register* fil-hanut taghha pero' taf li Johan Portelli kellu c-cavetta tal-hanut. Tghid illi sakemm kienet prezenti hi ma tafx li qatt miss xi haga bla permess taghha. Tghid li effettivament fil-hanut l-iehor taghha ftit li xejn kienet tiehu affarijiet ghall-bejgh tal-Milied minghand Johan. Pero' meta kienet taghmel ordni Johann kien johodielha u ghalhekk huwa minnu, taf li kien hemm darba biss meta Johann ghamel *delivery* fil-hanut li hi kellha ta' missierha, filwaqt li f'dak taghha personali darba biss ghamel *delivery*. Il-hanut ta'missierha huwa fejn kien hemm Daniel. Tghid li taghha fejn hemm ohtha u Romina, il-hanut kien ikun *busy* u kienet tbiegh hafna affarijiet tal-Milied.

Ix-xhud tghid li mhux minnu dak li qed jigi suggerit lilha li hi kienet ftehmet ma' Johan li ma kienux se jdahlu *salesgirl* fil-hanut. Tghid li mhux veru lanqas li qalet li ha tahdem ohta Charlotte ghax Charlotte kienet fil-hanut l-iehor u tikkonferma kif qalet fl-affidavit taghha li hi lil Johan taghtu hamest elef u tmien mitt ewro (€5,800). Dan billi kienet ittih flus cash fil-gimgha. Dan wara li kienet taghlaq il-cash. Tghid li taf li kellha ricevuti wkoll u kien ikun tajjeb kieku gabithom pero' ma tistax issibhom. Tghid illi mhuwiex minnu li hi ghandha ttih hamest elef u tmien mitt ewro (€5,800). Kieku kienet tmur tajjeb dak il-Milied ghax ifisser li kienet tbiegh aktar minn hdax-il elf (€11,000). Zgur illi f' Novembru ma taghtux flus ghax ma kienux ghadhom fethu. Tghid li taf li fid-9 ta' Dicembru l-ewwel gimgha li kienet fethet kienet taghtu elf ewro (€1,000) lil

Johan. Ma tistax tghid meta effettivament taghthomlu pero' taf li taghtu fil-bidu meta fethet. Tghid li taf li kienet ittih nofs dak li kienet iggib f'gimgha. Hi taf li taghtu l-flus kollha li kienet qalet skont iz-Z readings pero' taf li ghandha gimgha nieqsa. Tghid li mhux minnu dak li gie suggerit illi li wara t-12 ta' Dicembru ma taghtux pagament iehor. Taf li Johan kien jmur ghandha ghal pagament kull gimgha. Lil Johann kien talabha biex tmur mieghu fuq id-dghajsa. Tghid li ma tafx li effettivament jaghmilha mal-klijenti kollha u dan l-invit sar f'Mejju ta' wara li nqalghet il-problema.

Il-Credit notes esebiti seduta stante huma ilkoll mahruga mis-socjeta' attrici versu l-hanut Bling Box u mmarkati bhala Dok CSH (fol. 86 et seq) ilkoll mahruga fix-xahar ta' Dicembru 2014 il-parti kbira taghha huma datati 31 ta' Dicembru 2014.

Illi **Josette Micallef** xehdet in kontro-ezami nhar il-15 ta' Marzu 2017, fejn qalet li mhux minnu li Johann ircieva cash minghandha u cioe' s-somma ta' €750 fit-28 ta' Noembru 2014, €640 fid-9 ta' Dicembru 2014 u €1,000 fit-12 ta' Dicembru 2014. Tghid li d-dati huma hziena ghaliex effettivament fit-28 ta' Novembru 2014 lanqas biss kienu ghadhom fethu. Tghid li l-ahhar pagament li hi kienet tat lil Johann kien f'Dicembru u l-hanut kienu ghalquh f'Dicembru. Hi ftakret li kienet hadet lil xi hadd tal-maintenance biex jaghmel xoghol tal-hanut, u li darba minnhom kien ghaddej Twanny tal-Giza minn quddiem il-hanut u Johann kien talbu biex jghinu biex jarma l-hanut taghha u kien qallu li kienet ser thallsu hi stess, u effettivament kienet hi li hallset lil Twanny. Tghid li Twanny kien mar jghinha wkoll meta zarmat il-hanut l-iehor. Hi ma tantx kienet tahdem ma' agenti ghaliex kienet iggib ix-xoghol hi stess minn barra, u li kien hemm zewg agenti li kienet hadmet maghhom, wahda jisimha Berta u l-iehor jismu Abraham.

Ix-xhud kompliet billi qalet li kien hemm agent iehor, Meli Imports u kienet halsitu. Tghid li hi kienet tahdem ma' Mark *on consignment* u wahda mill-konsinni tieghu ghadu ma gabarhiex. Ix-xhud tinsisti li hi dejjem halset lil kulhadd. Hi kkonfermat li fl-SMS kienet ftehmet ma' Johann li l-flus kienet se

taghtihomlu pero' dan id-diskors kollu sar qabel ma ndunat li beda jittradiha. Tghid li Johann qal li hi bieghet €18,000 f'24 gurnata, li dan ma jista' jkun qatt. Tikkonferma li Johann ghamel ix-xenati quddiem il-bieb taghha, u li anke ma fethitlux meta mar ghall-hlas. Hi ma fethitlux ghaliex kienet sthat. Hi ma tiftakarx li kienet taghtu xi data li kienet se thallsu sal-ahhar ta' Ottubru 2015 minkejja li jista' jkun qaltlu hekk. Tghid li hi veru kienet qaltlu li sal-ahhar ta' Ottubru 2015 kellu jircievi cekk minghandha u dan ic-cekk qatt ma rcevieh.

Ix-xhud tikkummenta li mhux vera li r-ritratt Dokument CB ttiehet f'Novembru ghaliex kien hemm Halloween dak iz-zminijiet. Tghid li dak ir-ritratt bilfors li ttiehed fil-bidu ta' Dicembru u dan mhux mis-supply li kien jaghtiha Johann. Tghid li hi qatt ma xtrat gallettini u cikkulata minghand haddiehor. Tghid li hi kienet kriet mejda fil-hanut taghha ghaliex dik mhux il-linja taghha. Kien Johann stess li ppropona li huma kellhom imexxu n-negozju bejniethom nofs bin-nofs. Hi kienet se tirrifjuta ghaliex kien hareg bil-proposta li l-*cash* tigi fuqu. Tghid li Johann ried li huwa jarma hanut billi jpoggi l-hanut tieghu u daqshekk ikollu *responsability*, meta fil-fatt ma kienx dan il-ftehim. Tghid li Johann ma hax nofs bin-nofs ta' dawn ic-cikkulatini u l-gallettini ghaliex hu stess kien rrifjuta li jibqa' maghha bin-nofs bin-nofs. Tghid li Johann anqas kera ma hallas.

Illi permezz ta' nota datata ta' 15 ta' Marzu 2017, is-socjeta' Arcoline ipprezentat ritratt li ttiehed f'Novembru 2014 li gie mmarkat bhala Dok R1, liema ritratt jindika hanut mimli b'affarijiet mercja tal-Milied.

**Charlotte Galea** xehdet nhar il-15 ta' Marzu 2017, fejn stqarret li hija tigi oht il-konvenuta Josette Micallef, u li hi ma taf bl-ebda ftehim li Micallef kellha ma' Johann Portelli. Tghid li Micallef kienet qaltilha li kienet se taghmel negozju bi shab mieghu u x-xhud tghid li kienet qalet lil Josette Micallef li s-shab fl-ajru qieghed, u dan ghaliex ma kienetx qablet maghha li taghmel negozju mal-barranin. Dan il-hanut kien go St Joseph High Road, Hamrun, u dan il-hanut kien qabel jigi gestit minn missierhom. Galea tghid li hi ma kellha xejn x'taqsam man-

negozju ta' ohtha u li hi qatt ma hadmet ma' ohtha. Taf li darba minnhom ohtha kienet qed tghodd somma flus cash u bdiet tghinha tghoddhom. Kien hemm xi €1,500 u hi ratha tghoddhom pero' ma tafx jekk effettivament ghaddiethomx lil Johann Portelli jew le. Portelli imbaghad beda jibghatilha il-messaggi biex thalsu u hi ma kienet taf b'xejn b'dan in-negozju. Tghid li kienet taf lil Portelli qabel ma ohtha ghamlet in-negozju mieghu. Il-messaggi kienu jkun fis-sens li x-xhud tghid lil ohtha thallas lil Portelli. Ix-xhud qalet li ohtha kienet tghidilha b'dawn il-messaggi, u ohtha kienet tghidilha li din is-somma hija ezagerata.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici (fol. 112) prezentata fl-atti nhar is-26 ta’ Mejju 2017 u dik prezentata mill-konvenuta nhar l-14 ta’ Gunju 2017 (fol. 115).

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2017 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn din il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tat-13 ta’ April 2016 (fol. 11) fejn il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha dwar li mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk illum is-sentenza ser tinghata biss fuq il-mertu u cioe’ jekk hux minnu li l-konvenuta ghandha taghti dak l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fir-rikors promotur taghha.

Jidher minn ezami tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta li hija qajmet eccezzjoni dwar nullita’ tal-kawza ghaliex ma ntuzatx il-formola rikjesta mil-ligi skond l-Artikolu 171 tal-Kap 12 sabiex tinfetah il-kawza. Illi ghalhekk qabel xejn din il-Qorti trid tiddeciedi jekk ghandhiex taccetta tali eccezzjoni kif formulata u postulata fin-ntoa ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta kif ipprezentata minnha nhar l-14 ta’ Gunju 2017.

**L-artikolu 728 (1) tal-Kapitolu** 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 731 fil-kawzi i li jsiru b'rikors guramentat l-eccezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji.*

*(2) Ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza; b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jinghataw iktar eccezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta.*"

Jinghad minnufih li f'din il-kawza l-konvenuta qatt ma talbet li tipprezenta xi eccezzjoni ulterjuri izda qabdet u pprezentat nota ta' sottomissjonijiet fejn ghamlet referenza ghall-eccezzjoni kif naxxenti **mill-artikolu 171 tal-Kap 12**.

Issa l-**artikolu 728 tal-Kap 12** ghandu l-eccezzjoni tieghu u cioe' dak provdut fl-artikolu 731 tal-istess Kap li jipprovdi s-segwenti:-

"*Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 728 ma jghoddux ghal dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa ta' dan il-Kodici jinghataw f'kull waqt ta' l-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza.*"

Issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Sunspot Tours Limited vs C.H Caterers Limited'** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell fejn inghad is-segwenti:-

*"Ir-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:-*

*1. Id-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u*

*2. Id-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.*

*L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-kazi l-provvediment ta' l-Artikolu 728 ma jghoddux. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegh tal-kawza, tinqala l-htiega li tinghata eccezzjoni perentorja jew kull eccezzjoni ohra li, b'disposizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tista` tinghata f'kull waqt tal-procedimenti, inkluzi dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza, ma jkunx mehtiex li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 728 u konsegwentement hija eskluza kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li tezamina jekk kienx hemm raguni valida l-ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Dan ghaliex l-eccezzjonijiet perentorji ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri, u l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza qatt ma' setghu jitressqu fi stadju tal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet.*

*L-indagini tal-Qorti f'dawn il-kazi ghandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eccezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-htiega taghhom inqalatx waqt il-proceduri. Tista` se mai, fil-kaz ta' eccezzjonijiet perentorji li jinghataw fil-mori tal-proceduri, tordna temperament fil-kap ta' l-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li l-ostakolu ghal dawk il-proceduri kien pre-ezistenti l-prezentata tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta."*

Illi ghalhekk dan ifisser li din il-Qorti tista' biss tikkunsidra dawk l-eccezzjonijiet li jigu formalment moghtija. Din hi l-posizjoni in kwantu l-gurisprudenza tikkonforta u dan ghaliex huwa mehtieg li kull eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenuta tkun inkorporata f'nota ta' eccezzjonijiet li tigi notifikata lill-parti l-ohra. Dan ghaliex in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difensjonali tal-konvenuta u tal-attur ghat-talbiet li jkunu saru fir-rikors promotur tieghu u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkunu maghluqa u meta tithalla ghas-sentenza kif hu dan il-kaz l-kontro-parti tigi rinfaccjata b'linja difensjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli tal-procedura.

Dan il-hsieb huwa abbraccjat fis-sentenza '**<u>Camilleri Vincent Et vs Aquilina Gaetana'</u>** deciza fis-16 Marzu 2004 mill-Qorti ta' l-Appell li irriteniet li:

"*Eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenut tkun inkorportata f'nota tal-eccezzjonijiet akkompanjata b'dikjarazzjoni guramentata mill-parti jew wahda mill-partijiet li tkun qed tressaqha (vide Art. 158). Mhux hekk biss talli l-ligi trid li kopja identika ta' din in-nota tal-eccezzjonijiet "tigi notifikata permezz tar-registru lill-attur jew lill-avukat tieghu." Dan ghaliex in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali*".

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Tommaso Sammut Vs Carmela Farrugia Et'</u>** deciza mill-Prim'Awla 19 ta' Ottubru 1954 fejn inghad li:

"*Eccezzjonijiet formali, bhal ma hija dik tal-preskrizzjoni, ma ghandhomx jinghataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali procedurali*".

Ma hemmx dubju li eccezzjoni bhal dik sollevata mill-konvenuta hija eccezzjoni formali li semmai kellha tinghata bhala eccezzjoni *ad hoc* u mhux tigi inserita f'nota ta' sottomissjoni.

Il-Qorti hija konxja ta' gurisprudenza li tghid illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f'noti ta' sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni kif mistqarr fis-sentenza '**Cristina Anthony Noe vs Mizzi Eleonora**' deciza 27 ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell pero' dan l-insenjament illum gie gustament newtralizzat b'emendi *ad hoc* fil-ligi tal-procedura (ara l-Artikolu 158 tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XXIV tal-1995 u emendi ohra precedenti) ma jammontax u lanqas m'ghandu jfisser li parti ghandha speci ta' *'carte blanche'* li kull meta u x'hin jidhrilha l-waqt izzid ma' dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja` tat. Il-pozizzjoni la hija hekk illum (in vista ta' l-emendi li gew fis-sehh) u lanqas ma kienet hekk qabel.

L-**artikolu 158 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** ghandu jfisser illi l-eccezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-meritu, li ghalihom fuq il-fatti maghrufa jista' jkun hemm lok, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet.

Argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri *'in corso'*. Dan ir-ragunament isib konfort ukoll fis-sentenza fl-ismijiet '**Falzon Antida Vs APS Bank Limited'** deciza 28 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li:

*"Argument legali dedott f'nota ta' sottomissjonijiet u mhux bhala eccezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'.*"

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-talba tal-konvenuta li taccetta n-nota ta' eccezzjoni dwar in-nullita' moghtija ulterjorment fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Dwar il-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija minnha fir-risposta taghha jirrizulta s-segwenti:

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha is-somma ta' hamest elef, tmien mija u tmienja u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€5,898.68) rapprezentanti din is-somma prezz ta' merkanzija mixtrija u konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenuta fil-hanut gestit minnha bl-isem Bling Box il-Hamrun f'Novembru u Dicembru 2014. Il-konvenuta fir-risposta taghha qed tghid li hija ma ghandha taghti xejn u ghalhekk din il-Qorti ghandha tichad it-talba attrici.

Is-socjeta' attrici tispjega illi hija kellha ftehim verbali mal-konvenuta li hija kellha tikkonsenja mercja lill-konvenuta u din kellha tbiegh l-istess fil-hanut taghha waqt il-perjodu tal-Milied tas-sena 2014. Il-konvenuta dan tichdu u tghid li hija kellha ftehim ma' Johann Portelli ghan-nom tas-socjeta' attrici li s-socjeta' attrici verament kellha tikkonsenjalha l-merkanzija sabiex hija tbiegh l-istess u wara li tnehhi l-ispejjez tal-paga tas-salesman, u tal-hlas tal-VAT u jekk ikun hemm xi rikavat, ir-rikavat jigi maqsum *fifty-fifty* mas-socjeta' attrici filwaqt li dawk l-oggetti li ma jinbieghux jigu ritornati lejn is-socjeta' attrici. Illi ghalhekk jidher li hemm zewg verzjonijiet konflingenti ta' kif kellu jkun in-negozju ta'

bejn il-kontendenti u ghalhekk jispetta lil din l-Qorti tgharbel il-provi migjuba sabiex tasal u tara liema hija il-verzjoni l- iktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Huwa principju assodat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tieghu biex din tigi milqugha. Dan mhux biss skond id-disposta ta' l-Artikolu 652 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat*[1]. Fl-ahhar sentenza hawn citata il-Qorti tghallem li '*l-attur f'kawza ma jistax jistenna li l-Qorti taghmel ix-xoghol tieghu u dan l-aktar meta huwa min jallega li irid jipprova.*' Huwa principju rassodat li l-mera possibilta' mhix sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.[2]

Naturalemnt, l-attur f'kawza m'ghandux jistenna li l-Qorti temnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas tas-socjeta' attrici jekk tressaqx l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Detto questo dan ma jfissirx li l-provi migjuba mis-socjeta' attrici ghandhom jigu skartati jekk huma kontestati mill-konvenut altru milli hekk.

Il-Qrati taghna jghallmu li '*il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qorti jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimilianza ghaleix teskludi lil-ohra aanke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn f'kawza civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*"[3]

Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li '*fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispejgazzjonijeit forniti lilu imma jekk dawk l-*

---

[1] ara l-kawzi '**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camillleri'** PA 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella** App Inf 2 ta' Mejju 1995.

[2] **Frank Giodmaina Medici et vs noe vs Wililam Rizzo et** deciza PA NC 28 ta' April 2004.

[3] **Farrugia vs Farrugia** PA 24 ta' Novembru 1966 Vol XXXVI P 1 p 319

*istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndota mill-preponeranza tal-probabilitajie*t."

Verament fil-kawzi civili (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija **Farrugia vs Farrugia** '*mhux kwalunkwe tip ta konflitt ghandu jhalli lil Qorti f'dak l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubbio pro reo'*. [4]

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jincidu fih dik ic-certezza morali li kull Qorti ghandha tfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet[5]. Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista ta' dawn l-insenjamenti l-Qorti trid tassikura li wahda mill-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi ghandha tkun b'sahhitha bizzejjed biex wahda teghleb lill-ohra. Mhux bizzejjed li l-verzjoni tas-socjeta' attrici tkun tali bazata fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Fis-sentenza taghha **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**[6] il-Qorti tishaq li '*meta iz-zewg verzjonijiet ikunu kapaci jtiqiesu ugwalment plawsibbli u veritiera' ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinant li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi wahda u mhux l-ohra'*. L-istess japplika fil-kaz meta l-Qorti

---

[4] ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak** (PA TM 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** PA (PS) 28 ta' April 2003

[5] **Eucharisto Zammit vs Eustrachio Petrococchino** App Kummerc 5 ta' Marzu 1986.

[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Ottubru, 2013.

tkun affaccjata b'zewg versjonijiet li kapaci jtiqiesu ugwalment mhux kredibli. F' tali sitwazzjonijiet ma '*jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza u probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu - Actor non probante reus absolvitur'*[7].

Ghalhekk din il-Qorti ghandha tara x'inhuma l-provi li resqu l-partijiet. Is-socjeta' attrici tghid li hija kellha negozju mal-konvenuta fis-sens li kienet tikkonsenjalha merkanzija fil-hanut taghha l-Hamrun u din kienet tbieghu u kienet terga' taghmel ordni ohra. Dan kif jirrizulta minn numru kbir ta' invoices li gew prezentati minnha. Is-socjeta' attrici tghid li dan in-negozju sar matul ix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2014 kif jirrizulta mid-dati tal-invoices cio' nonostante il-konvenuta dan tichdu u tghid li n-negozju sar biss fix-xahar ta' Dicembru 2014. Jidher li kien hemm negozju ghaddej bejn il-kontendenti kif stqarret is-socjeta' attrici u dan ghaliex jirrizulta li wara li spicca l-istagun tal-Milied is-socjeta' attrici gabret lura il-merkanzija li ma nbieghitx u fil-fatt tat *credit notes* lill-konvenuta. Dawn ukoll jinsabu esebiti fl-atti. Is-socjeta' attrici pprezentat ukoll ritratt mehud f'Novembru 2014 li jindika wkoll li l-hanut kien miftuh bil-merkanzija ghall-bejgh.

Johan Portelli jghid li l-konvenuta kienet ammettiet li kellha thallsu tant li anke sahansitra kitbet sms f'dan ir-rigward. Illi minkejja li hemm numru ta' smses esebiti li gew skambjati bejnu u bejn l-konvenuta ma hemm l-ebda sms mibghut mil-konvenuta li tispjega dak li ittentat tghid fix-xhieda taghha l-Qorti. Hemm diversi reminders minn naha tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenuta tonora il-hlasijiet taghha li baqghu bla twegiba pero' hemm sms partikolari datat 20 ta' Settembru mibghut lil Johann Portelli fil-17.10 fejn obbligat ruhha li thallas lis-socjeta' attrici sat-30 ta' Ottubru permezz ta' cheque. F'sms iehor datat 9 ta' Settembru fis-13.18 qaltlu li ma kellhiex flus f' idejha pero' kienet lesta li thallsu

[7] **<u>Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat</u>** PA 22 ta' Novembru 1995; **<u>Enrico Camilleri vs Martis Borg</u>** App Inf (PS) 17 ta' Marzu 2003

fid-data moghtija minnha. Meta xehdet il-Qorti l-konvenuta ma cahditx li kienet hi li baghtet dawn l-smses pero' qalet li ghamlet hekk ghaliex kellha pressjoni fuqha. Huwa naturali li min ghandu jiehu ser jipprova jesercita pressjoni fuq id-debitur tieghu sabiex jithallas pero' mhux naturali li wiehed jobbliga ruhu li jhallas meta in effetti ma jkollux dejn.

Johan Portelli jghid fix-xhieda tieghu li n-negozju li kellu mal-konvenuta kien wiehed a bazi ta' return fis-sens li hija thalsu ghal dawk l-oggetti li tbiegh u dak li ma jinbieghux jigu ritornati lilu kif in effetti gara fl-ahhar ta' Dicembru 2014. Jispjega permezz tal-invoices esebiti li in effetti fix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2014 l-konvenuta kienet ghamlet sales fl-ammont ta' €16,055.30 u minn dawn is-sales kien naqqas il-credit notes fl-ammont ta' €8,211.35 u li ghalhekk il-bilanc restanti llum kien ta' €7,843.95. Jghid ukoll li l-konvenuta kienet ghamlet hlasijiet fl-ammont ta' €2,312.67 u ghalhekk il-bilanc kien wiehed ta' €5,531.28 u mhux l-ammont li qed jintalab fil-rikors promotur ta' €5,898.69.

Minn naha l-ohra l-konvenuta ma tressaq l-ebda prova dwar il-bejgh li sar minnha u lanqas dwar il-hlasijiet li saru minnha. Tghid biss li hija ghamlet kalkolu li hallset is-somma ta' hamest elef u tmien mija (€5,800) sal-20 ta' Dicembru 2014 pero' kif waslet ghal dan il-kalkolu ma tghidx. Mhux talli hekk li anke uhud miz-Z readings taghhom lanqas ghandha u ghalhekk zghur li l-kalkoli li setghet ghamlet m'humiex tajba jew ahjar precizi u jibqghu ghalhekk kalkoli fl-arja. Tghid li Johann Portelli kien ghamillha hafna pressjoni biex thallsu u minn ezami tal-SMSes esebiti jirrizulta li verament kien qed jaghmlilha pressjoni pero' jidher li kellu kull ragun u l-pressjoni kienet wahda intiza sabiex jithallas. Minkejja dik il-pressjoni kollha fl-ebda SMS ma hemm indikazzjoni li l-flus ma kienux dovuti. Anzi hemm SMS fejn l-konvenuta tghid li m'ghandhiex flus u sabiex tinghata zmien biex thallas. Tali SMS tekwivali ghall-ammissjoni da parte taghha ghad-debitu taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tirrispingi l-eccezzjonijeit tal-konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' hamest elef, hames mija u wiehed u tletin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€5,531.28) oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mis-16 ta' Dicembru, 2014, sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza inkluz dawk tal-ittra ufficcjali ezekuttiva numru 1669/2015 ghandhom jithallsu ukoll mill-konvenuta *in toto*.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**